



Brussell, 19 ta' Mejju 2026  
(OR. en)

8889/26

LIMITE

CORLX 428  
CFSP/PESC 631  
MOG 89

#### ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2023/1532 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-appoġġ militari tal-Iran għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u lil gruppi armati u entitajiet fil-Lvant Nofsani u fir-Reġjun tal-Baħar l-Aħmar

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2026/...**

**ta' ...**

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2023/1532 dwar miżuri restrittivi  
fid-dawl tal-appoġġ militari tal-Iran għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna  
u lil gruppi armati u entitajiet fil-Lvant Nofsani u fir-Reġjun tal-Baħar l-Aħmar**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fl-20 ta' Lulju 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/1532<sup>1</sup>.
- (2) Fl-14 ta' Mejju 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/1336<sup>2</sup> li emendat id-Deċiżjoni (PESK) 2023/1532 u estendiet il-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri restrittivi biex ikopru persuni li jfornu, ibigħu, jew li b'xi mod ieħor huma involuti fit-trasferiment ta' vetturi tal-ajru mingħajr bdot abbord jew missili tal-Iran jew teknoloġiji relatati lil gruppi armati u entitajiet li jdgħajfu l-paċi u s-sigurtà fil-Lvant Nofsani u fir-Reġjun tal-Baħar l-Aħmar, jew lil persuni, entitajiet jew korpi li jaġixxu bi ksur tar-Riżoluzzjoni 2216 (2015) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU).
- (3) Fil-11 ta' Marzu 2026, il-KSNU adotta r-Riżoluzzjoni 2817 (2026) li affermat l-impenn sħiħ tiegħu għall-promozzjoni taż-żamma tal-paċi u l-istabbiltà fil-Lvant Nofsani. Hija kkundannat ukoll kwalunkwe azzjoni jew theddida mir-Repubblika Iżlamika tal-Iran li għandha l-għan li tagħlaq, tfixkel, jew tinterferixxi b'xi mod ieħor fin-navigazzjoni internazzjonali fl-Istrett ta' Hormuz, jew li thedded is-sigurtà marittima fil-Bab Al Mandab. Affermat ukoll li kwalunkwe tentattiv biex jiġu impediti l-passaġġ ta' tranżitu legali jew il-libertà ta' navigazzjoni f'dawn il-passaġġi fuq l-ilma internazzjonali jikkostitwixxi theddida serja għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali u appellat lill-Iran biex iżomm lura immedjatament minn kwalunkwe azzjoni jew theddida f'konformità mad-dritt internazzjonali.

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1532 tal-20 ta' Lulju 2023 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-appoġġ militari tal-Iran għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u lil gruppi armati u entitajiet fir-reġjun tal-Lvant Nofsani u tal-Baħar l-Aħmar (ĠU L 186, 25.7.2023, p. 20, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2023/1532/oj>).

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/1336 tal-14 ta' Mejju 2024 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2023/1532 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-appoġġ militari tal-Iran għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna (ĠU L, 2024/1336, 15.5.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1336/oj>).

- (4) Fl-1 ta' Marzu 2026, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ħarġet dikjarazzjoni f'isem l-Unjoni dwar l-iżviluppi fil-Lvant Nofsani. Id-dikjarazzjoni nnutat li l-avvenimenti li qed iseħħu fl-Iran ma għandhomx iwasslu għal eskalazzjoni li tista' thedded il-Lvant Nofsani, l-Ewropa u lil hinn minnha, b'konsegwenzi imprevedibbli, anke fl-isfera ekonomika. Hija affermat li t-tfixkil tal-passaġġi fuq l-ilma kritiċi, bħall-Istrett ta' Hormuz, irid jiġi evitat.
- (5) Fil-konklużjonijiet tiegħu tad-19 ta' Marzu 2026, il-Kunsill Ewropew appella għall-implimentazzjoni sħiħa tar-Riżoluzzjoni 2817 (2026) tal-KSNU, fakkar fil-ħtieġa li jiġu żgurati s-sigurtà marittima u r-rispett għal-libertà ta' navigazzjoni u kkundanna kwalunkwe att li jhedded in-navigazzjoni jew jipprevjeni bastimenti milli jidħlu u joħorġu mill-Istrett ta' Hormuz.
- (6) Fid-9 ta' April 2026, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ħarġet dikjarazzjoni f'isem l-Unjoni dwar il-waqfien mill-ġlied maqbul mill-Istati Uniti u l-Iran li fiha ħeġġet lil dawk kollha involuti jiżguraw bis-sħiħ il-libertà tan-navigazzjoni kif ukoll il-passaġġ liberu u sikur mill-Istrett ta' Hormuz, f'konformità mad-dritt internazzjonali, kif rifless fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar.
- (7) L-azzjonijiet tal-Iran kontra bastimenti merkantili u kummerċjali li jgħaddu mill-Istrett ta' Hormuz kif ukoll l-impożizzjoni minnu ta' pedaġġ bi skambju għal awtorizzazzjoni ta' tranżitu mhumiex konsistenti mad-dritt ta' passaġġ ta' tranżitu minn ġo strett internazzjonali li jgħaqqad parti waħda mill-ibħra internazzjonali jew żona ekonomika esklużiva u parti oħra mill-ibħra internazzjonali jew żona ekonomika esklużiva u lanqas mad-dritt ta' passaġġ innoċenti u għalhekk imorru kontra d-dritt internazzjonali.

- (8) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, u b'reazzjoni għall-azzjonijiet tal-Iran li jimminaw il-libertà tan-navigazzjoni, inkluż id-drittijiet ta' tranżitu u ta' passaggġ innoċenti, fil-Lvant Nofsani, huwa xieraq li jiġu introdotti aktar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Iran. Tali miżuri restrittivi jikkontribwixxu għall-azzjonijiet tal-Unjoni li tissalvagwarda l-valuri, l-interessi fundamentali, u s-sigurtà tagħha, li tikkonsolida u tappoġġa l-prinċipji tad-dritt internazzjonali, u li tipprevjeni l-kunflitti u ssaħħaħ is-sigurtà internazzjonali, f'konformità mal-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 21(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.
- (9) It-titolu tad-Deċiżjoni (PESK) 2023/1532 jenħtieġ li jiġi emendat u jenħtieġ li jiġu imposti restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar u miżuri tal-iffriżar tal-assi kontra persuni u entitajiet responsabbli għal, li jappoġġaw, li jimplimentaw jew li jibbenefikaw mill-azzjonijiet jew il-politiki tal-Iran li jdgħajfu l-libertà tan-navigazzjoni fil-Lvant Nofsani.
- (10) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2023/1532 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni (PESK) 2023/1532 hija emendata kif ġej:

(1) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1532 tal-20 ta' Lulju 2023 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-appoġġ militari tal-Iran għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u għal gruppi armati u entitajiet fil-Lvant Nofsani u fir-Reġjun tal-Baħar l-Aħmar kif ukoll l-azzjonijiet tal-Iran li jdgħajfu l-libertà tan-navigazzjoni fil-Lvant Nofsani".

(2) l-Artikolu 2(1) huwa emendat kif ġej:

(a) fil-punt (b), is-subpunt (iii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(iii) lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi li jaġixxu bi ksur tar-Riżoluzzjoni 2216 (2015) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti;"

(b) jiddaħħal il-punt li ġej:

"(ba) responsabbli għal, li jappoġġaw, li jimplimentaw jew li jibbenefikaw mill-azzjonijiet jew il-politiki tal-Iran li jdgħajfu l-libertà tan-navigazzjoni fil-Lvant Nofsani; jew,"

(c) il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) li huma assoċjati mapersuni fiżiċi msemmija fil-punt (a), (b) jew (ba);".

(3) l-Artikolu 3(1) huwa emendat kif ġej:

(a) fil-punt (b), is-subpunt (iii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(iii) lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi li jaġixxu bi ksur tar-Riżoluzzjoni 2216 (2015) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti;"

(b) jiddaħħal il-punt li ġej:

"(ba) responsabbli għal, li jappoġġaw, li jimplementaw jew li jibbenefikaw mill-azzjonijiet jew il-politiki tal-Iran li jdgħajfu l-libertà tan-navigazzjoni fil-Lvant Nofsani; jew,"

(c) il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) li huma assoċjati mal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi msemmija fil-punt (a), (b) jew (ba);".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi ..., ...

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

